18 ta’ Jannar 2018

# Rapport Amministrattiv

## Minn Jannar sa Diċembru 2017

## U

# Pjan ta’ Attività

## għas-sena 2018

Il-Kunsill huwa magħmul mis-Sindku s-Sur John-Mary Calleja, il-Viċi Sindku s-Sur Romeo Baldacchino u l-Kunsillieri s-Sur Mark Anthony Sammut, is-Sur Stefan Caruana u s-Sur George Fenech (li ġie elett wara r-riżenja tas-Sa. Demelsa Grech).

Il-Kunsill jiffunzjona billi kull Kunsillier jaħdem fid-dekasteru tiegħu flimkien ma’ kunsillieri oħra sabiex b’hekk il-Kunsill iwettaq il-missjoni u l-għanjiet li għalihom ġie mwaqqaf. Il-Kunsill irid ikun ta’ siewi u ġid, billi joffri solidarjetà u wens lir-residenti kollha tal-Gudja. Il-Kunsill huwa wkoll konxju li d-deċiżjonijiet tiegħu jkunu meħuda qrib ir-residenti. Il-Kunsill, b’mod ġenerali, qed juri li l-bniedem huwa ċ-ċentru ta’ kull attività u azzjoni li huwa jwettaq. Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli sabiex kull resident tal-Gudja jkunu jista’ jgħix aħjar.

Kull kunsillier jaħdem ferm fid-dekasteru tiegħu, kemm xogħol li jidher u jsir xogħol ieħor li ma tantx jidher għall-inqas fil-ħin immedjat.

Il-Kunsill jaħdem bla waqfien sabiex ikun qrib tan-nies tal-Gudja u nisimgħu dwar dak li jkun qed idejjaqhom kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell kollettiv ta’ komunità. Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex jaħdem f’sistema amministrattiva bl-anqas burokrazija. Il-Kunsill jaħdem bi trasparenza. Jassisti lir-residenti kemm individwalment kif ukoll b’mod ġenerali. Dan jagħmlu f’diversi oqsma u joffri l-aħjar servizz possibbli waqt li jwieġeb b’mod

pożittiv għal ħafna mill-ħtiġijiet tar-residenti. Fejn ikun hemm bżonn il-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-awtoritajiet u dipartimenti kompetenti kif ukoll tad-diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill huwa magħruf li jibqa' jinsisti sakemm, kemm l-individwi kif ukoll l-istess Kunsill, jiksbu dak li jkun mistħoqq u ġust iżda dan mhux dejjem faċli.

Matul din is-sena 2017, il-Kunsill għamel diversi laqgħat mal-awtoritajiet. Matul dawn il-laqgħat il-Kunsill wera li huwa dinamiku u ma jżommx lura għax fejn jidħlu l-ħtiġijiet u x-xewqat tar-residenti dawn għandhom jingħataw il-prijorità xierqa.

Il-Kunsill għamel xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini f'diversi toroq madwar il-Gudja. Fis-sena 2018 il-Kunsill qed jippjana li jagħmel xogħol estensiv fi Triq iż-Żebbuġa minn ħdejn is-*sub station* sa Triq il-Kbira kif ukoll f'diversi toroq u trejqiet oħra.

Il-Kunsill ħadem b'suċċess u sejjer jibqa' jaħdem fil-qasam tal-ambjent li għall-Kunsill huwa l-qofol tal-ħidma tal-Kunsill.

Il-Kunsill ħadem ukoll f'diversi oqsma, fosthom; kultura, arti, mużika, sports, żgħażagħ, edukazzjoni u ħajja soċjali.

Dwar il-kultura l-Kunsill ħadem b'suċċess fil-programm tal-"Erba' Staġuni" u sejjer jibqa' jaħdem sabiex l-kultura tingħata l-importanza li jixraqilha.

Il-Kunsill ħadem sabiex żgħażagħ Gudjani setgħu jkollhom Kunsill taż-Żgħażagħ li qed jitmexxa u jaħdem b'suċċess. Il-Kunsill ukoll għandu lis-Sa. Sara Camilleri bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ.

Is-servizz tal-Librerija kompla b'suċċess. Dan huwa ta' benefiċċju kemm għall-Gudjani kif ukoll għal oħrajn li ma jkunux residenti fil-Gudja.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ġewwa l-Gudja jkun hemm dawl kull fejn ikun meħtieġ. Il-Kunsill ukoll jinsab impenjat dwar l-użu tal-ilma kif ukoll dwar il-ġibjuni ġewwa u madwar il-Gudja. Il-Kunsill jinsab impenjat sabiex flimkien mal-Ministeru tal-Infrastruttura u Xogħlijiet jagħmel ir-riġenerazzjoni xierqa ta' Ġnien Raymond Caruana li sejjer jinbeda dalwaqt kif

appena jinħarġu permessi meħtieġa.  Il-Kunsill sejjer ukoll jara dwar dak meħtieġ fil-Ġnien Ġlormu Cassar fosthom il-faċilitajiet ta’ *toilets* u attrezzi oħra.

Il-Kunsill kompla jagħmel dak kollu possibbli sabiex jieħu ħsieb l-ambjent kemm ġewwa l-Gudja kif ukoll fl-inħawi ta’ madwar il-Gudja.  Dan jgħin sabiex il-Gudja tkompli tkun apprezzata aktar kemm mir-residenti kif ukoll minn dawk li jżuruha kemm matul il-jum kif ukoll filgħaxija, u fl-istaġuni kollha.

Għal darba oħra jiddispjaċina ngħidu li matul din is-sena l-ħidma tal-Kunsill mill-aspett tal-*Life Long Learning* ma setax ikompli kif maħsub peress li l-Kunsill ma setax jagħmel użu liberu mill-kamra attrezzata għat-tagħlim u taħriġ matul il-ħajja. Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex filwaqt li jintwera apprezzament lejn il-ħidma tal-iskola, u d-dmirijiet tal-Kunsill, ikun hemm dik il-ħidma konġunta u l-armonija li minnha jibbenefikaw ir-residenti kollha tal-Gudja. Il-Kunsill kompla jaħdem mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb l-ispazju u jinvesti fl-Iskola Primarja kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill huwa determinat li jirnexxi f’dan ir-rigward għaliex fejn jidħol il-ġid tal-Gudja xejn ma jista’ jwaqqaf lill-Kunsill fil-ħidma tiegħu.  Il-Kunsill jixtieq jassigura li kull nefqa li jagħmel, speċjalment fl-investiment dwar l-edukazzjoni jkollha r-ritorn meħtieġ u li ma jkunx riskju li jitlef f’ħin bla waqt dak li jkun investa fih.

Dwar l-edukazzjoni l-Kunsill kompla bil-finanzjament tal-programm ‘Story Telling’ li huwa ferm popolari qalb it-tfal Gudjani u oħrajn.

Il-Kunsill kompla bil-finanzjament u operat tal-Librerija u jiddedika parti mill-baġit tiegħu għal dan il-għan.

Il-Kunsill għadu jagħmel talbiet lit-TM għall-immaniġġjar aħjar tat-traffiku f’ċerti żoni u *pedestrian crossing* f’diversi postijiet. Kien hemm progress, iżda għad fadal ħafna xi jsir sabiex il-ħajja tar-residenti kif ukoll tas-sewwieqa, tkun aktar sigura.

Il-Kunsill qed iżomm għajnejh fuq il-proġett propost tal-estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, fil-Gudja u li dan ma jkollux impatt negattiv fuq il-Gudja b’mod ġenerali u l-ħajja tar-residenti kemm b’mod personali kif ukoll b’mod ta’ komunità.

Ir-rotta 88 u l-bus terminus qed juru li ġewwa l-Gudja t-trasport pubbliku huwa ferm apprezzat. Il-Kunsill jagħmel rappreżentazzjonijiet mal-Malta Public Transport sabiex fejn ikun possibbli s-servizz jitjieb.

Il-Kunsill iżomm djalogu kontinwu mal-Parroċċa u l-NGO's kollha tal-Gudja. Dan joffri ħafna opportunitajiet li jistgħu jgawdu minnhom in-nies kollha tal-Gudja. F'dan ir-rigward il-Kunsill jara kif bil-koperazzjoni u l-ħidma konġunta mal-NGO's (inkluż il-baned lokali) jinkiseb il-ġid massimu fl-aħjar interess għall-Gudjani kollha kemm tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

L-anzjani wkoll għandhom post importanti fil-ħidma tal-Kunsill. Għal darba oħra l-Kunsill jixtieq jappella lil dawk l-anzjani u oħrajn li jixtiequ jingħaqqdu fil-ħidma mal-Kunsill sabiex jagħtu jsimhom u dettalji meħtieġa dwarhom sabiex il-Kunsill jaħdem skont kif ikun mitlub. Il-Kunsill jixtieq li jtenni t-talba tiegħu sabiex jiġi stabbilit Day Centre, fejn l-anzjani li jattendu ġewwa fih jingħataw tagħlim dwar saħħa, iġene, storja, kultura u affarijiet oħra utili sabiex tiġi mħarsa s-saħħa fiżika kif ukoll mentali tal-anzjani tal-Gudja. Jidher li hemm bżonn ta' aktar ħidma kollettiva u pubbliċità nazzjonali f'dan il-qasam. Il-Kunsill huwa beħsiebu li fis-sena 2018 din il-ħidma tkun aktar viġilanti u persistenti għaliex iħoss li dak li qed jitlob il-Kunsill huwa xieraq u ġust u jagħti ġiħ lill-anzjani tagħna.

Il-Kunsill kompla jsostni u jġedded ftehim mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u b'hekk ir-residenti tal-Gudja jsibu l-għajnuna mingħajr diffikultà bl-aktar mod effiċjenti u professjonali.

In-nies tal-Gudja żgur jafu u huma kuntenti bl-involviment tal-Kunsill fiċ-ċelebrazzjonijiet li jagħmel dwar Jum il-Gudja u l-festi tal-Milied. F'dawn l-attivitajiet il-Kunsill, għalkemm b'fondi limitati, joħroġ wieħed mill-aħjar Kunsilli Lokali li jagħtu l-aħjar sostenn u divertiment kemm edukattiv kif ukoll ta' rikreazzjoni u kultura lir-residenti tal-Gudja. Kull min jattendi għal dawn l-attivitajiet dejjem apprezza dak li jkun qiegħed jitwettaq. Il-Kunsill jerġa' jħeġġeġ ukoll sabiex l-għaqdiet u s-soċjetajiet ikunu huma stess li jtellgħu attivitajiet bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill. Jidher li hemm bżonn ta' aktar ħidma kollettiva u pubbliċità nazzjonali f'dan il-qasam.

Kif diġà ntqal aktar 'il quddiem dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-indafa pubblika, il-Kunsill jinsab minn ta' quddiem nett f'dan il-qasam. Il-Kunsill kompla jonfoq bil-galbu u jassigura sabiex fil-Gudja u fl-inħawi tal-madwar ikun hawn indafa massima u jeduka lin-nies li l-iskart ifisser

flus. Il-Kunsill kompla fil-ħidma tiegħu dwar is-separazzjoni tal-iskart mal-kumpanija GreenPak. Jidher li r-residenti tal-Gudja qed jikkoperaw sewwa mal-Kunsill f'dan il-qasam. Il-Kunsill kien kostrett sabiex ineħħi l-iskips tal-iskart domestiku iżda l-borża s-sewda issa qed tinġabar ukoll fil-ħdud u l-festi. Il-Kunsill qed iħaddem is-sistema tal-Green Wardens u sejjer jintroduċi s-CCTV sabiex inaqqas l-abbuż.

Dwar fondi mill-Ewropa sabiex jitwettaq xogħol u proġetti ta' fejda fil-Gudja, il-Kunsill għamel diversi applikazzjonijiet u qed jistenna l-eżitu ta' proġett fil-kampanja li jlaħħaq madwar miljun ewro.

Il-Kunsill qed ikun attent li jikseb fondi mill-Ewropa u b'hekk ikun jista' jiffinanzja l-proġetti tiegħu bi flus Ewropej ġewwa l-Gudja.

F'din is-sena 2017 il-Kunsill ikkollabora ma' diversi għaqdiet sportivi sabiex saru diversi attivitajiet ġewwa l-Gudja li fihom ipparteċipaw kemm individwi kif ukoll għaqdiet sabiex ikun hawn Gudja b'saħħitha. Ir-residenti tal-Gudja żgur apprezzaw il-ħidma tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni sportiva. Il-Kunsill reġa' organizza s-sessjonijiet tal-Pilates u Zumba għall-adulti ġewwa l-Gudja stess. Il-Gudja kisbet għarfien xieraq mill-Kumitat Olimpiku Malti għall-ħidma tal-Kunsill fil-qasam sportiv.

Il-Kunsill jerġa' jitlob u jħeġġeġ lir-residenti sabiex jersqu aktar għand il-Kunsill bil-ħtiġijiet tagħhom u b'xi ideat sabiex il-Kunsill jimbarka fuq proġetti li jkunu r-residenti stess li jkunu l-protagonisti u benefiċjarji ta' dawn l-istess proġetti.

Il-Kunsill jinsab f'ħidma kontinwa sabiex l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jiġi integrat uffiċjalment fil-konfini tal-Gudja għax dan huwa ġust u xieraq. Il-Kunsill jinsab impenjat li jara li l-iżvilupp propost mill-MIA ma joħloqx problemi għall-Gudja u r-residenti. Fejn hemm ir-riskju li jsir dan, il-Kunsill jitlob korrezzjoni u rimedju. Il-Kunsill jagħmel ukoll ħidma sabiex ikollu l-aħjar relazzjonijiet mad-diriġenti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li jinsab fil-Gudja sabiex b'hekk ikun jista' wkoll jikseb dak kollu possibli għall-ġid u b'risq ir-residenti tal-Gudja. Il-Kunsill irid ikompli jassigura li l-iżvilupp ekonomiku ma jkunx ta' detriment għar-residenti tal-Gudja. Bil-ħidma pożittiva tiegħu l-Kunsill iħares l-interess tal-komunità tal-Gudja u jżomm relazzjoni tajba sabiex jikseb aktar ġid kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali.

Il-Kunsill jinsab impenjat serjament sabiex fil-Gudja tiġi stabbilita skema ta' *residential parking* li bl-aħjar mod tħares l-interess tar-residenti kollha tal-Gudja. Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill huwa kontinwu. Dan jiġi aġġustat skont il-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja minn żmien għal żmien. Il-Kunsill irrid jassigura li huwa qiegħed u jibqa' hemm għas-servizz tan-nies u mhux in-nies għas-servizz tal-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja jixtieq jagħmilha ċara li l-laqgħa mar-residenti mhux ta' darba biss fis-sena kif titlob il-liġi iżda dan jista' jsir b'kemm b'komunikazzjoni diretta u personali kif ukoll permezz ta' sistemi oħra ta' komunikazzjoni permezz tas-*social media* iżda l-aktar li huwa importanti huwa li r-resident tal-Gudja jersaq għand il-Kunsill fejn isib l-ispalla u tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

Il-ħsibijiet tal-baġit għas-sena 2018 sejrin jiġu diskussi waqt il-laqgħa annwali għall-pubbliku fit-18 ta' Jannar 2018 sabiex il-Kunsill ikun qed jaħdem fil-qafas finanzjarju skont il-liġi li jilqa' għal ħtiġijiet u xewqat tar-residenti kollha tal-Gudja.

| | |
|---|---|
| John-Mary Calleja | Joseph M. Formosa |
| Sindku | f/Aġent Segretarju Eżekuttiv |